# L'GHANNEJ MODERN

## Praspar tad-Dahq

Miktub minn D.A.

---

*Prprieta' Riservata*

*Stampat fid*-"The New Art Press"
*154, 155East Street - Valletta.*

# Lil min Jaqra

---

Gieni f'rasi dan l-hsieb tajjeb
U ghedt f'qalbi issa l-mument
Ktieb nigbor bl-ghana tighai
Dak li soltu nghid bl-amment.

Lill bosta nies ghett bdin il bicca
Tant ghogbithom ferm ħajruni
Sa isimhom hallew ghandi
Biex kif nohrog dlonk jixtruni.

Gen mill blied u mill kampanja
Kif semghu b'dan il ktieb
Xebbiet, guvnotti, miz-zewga romol
Nies jigu minnhi anki l-hbieb.

Kolla qaluli kelma wahda
Dan il-ktieb ghalijja se ikun tern
Urejthom ismu dan ukoll ghogobhom
Li se nsemmieh L-GHANNEJ MODERN.

# IL-GRAJJA ta' MAROZZ

(Irracuntati min fommu stess)

Jecc haun f'din il Gzira
Li' l cuntlariu ma naksux,
Jen Sinjur naghmel tajjeb
Li actar minni ma 'ssibux.
Jena hajti hrafa uahda,
Mit-tuelid sa dan il hin,
Mohhi kargha ibleh hsara,
Collox mighi x'uahda din!
Ghandi il gost mela ngharrafcom,
Ghax nixtiek li tarau bhali,
Li tasseu curius bil bosta
Dak li f'hajti dejjem ġrali.
Leunel uahda li nghedilcom
'U jemminha min irid,
Hia il biccia cbira tighi
Tal giurnata tat-tuelid.
Mela jena ghandi ix-xorti
Illi ghandhom ftit bdedmin,
Cioe dic li naghlaq snini
Darba biss cull erba snin.
Jen nisthajjel haun tgheduli
Dana chif katt jista jkun?
Inti tahseb l'ahna bhalec
Ma tarax li int buffun.
Mela jena biex nuricom
Li tasseu dan li ghedtilcom,
Taghmlu il cont u tghoddu mighi
Jen irrid issa ngiaghalcom.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA LIBRARY SERVICES

Jen fid-disgha u ghoxrin seuua.
Tax-xhar xitui minn ta Frar
Tuelidt f'ghorfa lein Had-Dingli,
Seuua seu uakt nofs inhar.
Fhimtux issa x'inhi il biccia?
Chienet sena *bissetin*,
Ghalecc jena naghlak snini
Darba biss cull erba snin.
Meta chelli tnax il-sena
Cont mort Cipru hdein parrini,
Hin bla uakt sibt ruhi Malta
Ghax ma riedx mighu ihallini
Dan parrini cheliu id-dghajjes,
Biex ighaddi in-nies mix-xmara,
Darba jena dhalt gio uahda
U ghamiltu hafna hsara.
Hecc chif cont indur mal plajja,
Nilmah gej uiehed sinjur;
Ibni kalli ha nofs lira,
U ejja hudni ftit indur.
Kabel xein ma kabes geuua
Dan staksiena ecc nafx il post.
Ghedtlu jen naf il blat collu,
Tahseb xein ghax tiehu gost.
Bravu kalli ini bdot tajjeb,
Uiehed bhalek xtekt insib
Nghum ma nafx u nibza hafna.
Mighec nafda int habib.
Hecc chif kbat l'imkadef f'idi,
U tbeghedna ftit mill moll,
Bum! id-dghajsa—ilma diehel...
X'uahda din! morna fuk scoll!

Hemm trid tara is-sinjur, l'ahua
Isfar meut mighi iggranfat
Ma ghedtlix li tafom collha
Int l'iscolji ja ndannat.
Ma temminx jena kbist hghedtlu,
Li l'iscolji nafom zgur
U ara chemm naf feinhom seuua,
Uiehen minnhom dan sinjur
Alla ried li żeug sajjeda
Geu salvauna minufih
Ghaliex chiecu it-tnein jahasra
Bkaina niezla dritt fil kieh.
Gimgha ųara jen cont Malta
Nigri biss ghal ghonq it-trieq
Ma domtx uisk izda niggerra
Ghax sibt post kif cont nixtiek.
Cont ghaddej minn fuk il Monti
Dhalt ghand uiehed tal cafe
Dan talabni nokghod mieghu
Jena hej ma ghattlux le.
Minnufih kbat l'istanjata
U bdeit ġmieli ix-xoghol tighi;
Nofs chiccri biss bdeit nimla,
Izda in-nies haduha mighi
Jen ghedt forsi b'dan l'imghallem
Jiehu gost ghax niffrancalu
Minn dac izda li stait nara
Daksi chien, mischin balalu.
"Targiax" kalli taghmel dana
Ghax tbeghedli il parrucciani;
Compli ferrah sa jghedulec"
Dana chien l'ordni li tani.

Collox seuua ghedtlu mghallem
Tehux hsieb niccunteutac
Hecc ghamilt izd'arau x'gara
Katt ma rait storbiu bhal dac.
Mela dahlu zeug sinjuri
Alienati bid-discors
Hadu il chiccri ghamlu iz-zoccor,
Jena nferrah— daca ghors!
F'lahhar beda niezel fukhom
Ah kal uiehed dan x'icun?
K'ed tismotni mleitni colni
Dan mischin chellu ragiun
Gie' lImghallem jigri fuki
"X'ghamilt" kalli "dana xchien
Mela klibtli l'istanjata
Ghamilt bahar cullimchieni
Ara chif xarrabna ghasra,
Dauk kaluli minnufih.
Dan mignun il ghaliex mela
Fil hanut mighec thallih.
Mghallem jen kbist malair ghedtlu
Tort sa barra ma ghandiex
Ghax bizzejjed tferrahx izjed
Af li sgur ma kalulix.
F'dakca uahda mghalni sahan
U xejjerli xbin daktein
Izda jen ghaddastlu rasi
U minn daun ma messni xein.
Id-daktein geu fuk halk uiehed
Mis-sinjuri li chien hemm
F'dakka uahda sar distorbiu,
Jena bzait li jiġri id-demm

Hemmecc tridu tarau lili
Nibchi u nghajjat gha ajjut
B'nofs stanjata f'idi mghattna
U nituaddab mal hanut
F'lahhar geit f'nofs il bieb seuua
U tlakt nigri lein id-dar
Jen mort tajjeb hlista uarda
Min jaf mghalmi izda chif mar
Issa sgur ma nahdimx izjed
Ghax uritt cont xi habtein
Habat seuua ma dan collu
Ghax ma nisua sirt ghal xein.

---

# IN-NANNU MAS

Alla jahfirlu in-nannu Mas
Chemm chien ibati bl'ugieh tad-dras
Leil u nhar jibchi minn ghair mistrieh
U hadd ghajnuna ma jista' itih
Minn collox ghamel izda ghal xein
Ghax jistrieh sigha u juahuah tnein.
Fl'ahhar fettiliu ghax chien batut
Li jakla darsa mkar jaf li imut.
Cont ili ngheidlu ma nafx chif chien
U mar ghand uiehed li jakla is-snien
Gian-Mair chif lemhu "X'ghandec sinjur
Takla xi darsa ghalecc geit sgur."
"Iva jahasra uiegeb malair
In-nannu Masu l'imghallem Mair.

''Xein la tiddejjak dai uakt tistrieh
Tidher imchisser sinjur bl'ugieh.„
Gian-Mair mar geuua jen hsibt ghal ghodda
U rabat corda ma siek is-sodda.
Is iftah halkec liema hi din
Ghax ghandek x'erba ftit imhasrin
Dic iva l'izjed jidhirli jiena
U Mairu rabat rabat bla hniena
In-nannu ighajjat u iz-zmien ghaddej
Bum flahhar nisma tir ta canun
U nannu jigri donnu mignun
Halku bid-dmija inxtehet fl'art
Jen bdik il qata tatni sa' l bard
Gian-Mairu jifrah kal collox seuua
Jitfa u jimbotta in-nannu l geuua
Aima jahasra Mair ghamiltieli
Klatli nofs uicci issa xjisuieli
Sur mas gralec ghaliex tiddejjak
M'hux kollox seuua mid-dras nfejjak
Naghmlek tajjeb issa tistrieh
Ma thossux izjed qatt dak lugieh
U hekk chien bhalek chif kal Gan Mair
Ghax uicc in-Nannu ntefah malair,
U gimgha seuda lahket ghaddiet
Jahhasra in-Nannu tgherbeb u miet

# BIAS BAGOLL

(Uiehed xih, fartas li ried. jaghmila tazzaghzuh, chien kighed f'societa fein chien hemm hafna xbejbiet u uahda minnhom biex ticsru meta ix-xih staksieha xi trid b'tifkira tighu, billi chienet taf li hu rasu fartas kaltlu biex jatiha troffa xghar!)

Ragel xuejjah,
Ibleh hsara
Ghamel ziara
Li karibtu Liberata,
Fein cull jum sa ta l imuiet
Cont issib ġgajta xbejbiet.

Dan li hali
Is-sur Bias,
C'ong fartas
Chien cull leila imur jitchessah
Ohtu tghajru xih bla snien,
Halkec beita tad-dubbien

Leila uahda
Inzertat
Ghand Lib'rat
Giet Marianna, tfaila sbeiha,
Biex ma shabha idderri ftit,
Ghax nannuha chien marid.

Mela ix-xuejjah,
X'hin lemahha,
Xtiek li mahha
Igheid x'erba hmerijet,
Ghatta halku bil mactur
F'rasu xedd i'incaljatur.

Hecc chif chienu
Hemm il coll
Bias Bogoll
Kabes kal Marianna kalbi,
Nixtiek naf chiecu x'natic,
Xi tifchira tghodd ghalic
Xein tiddejjak?
Taf x'irrid?
Stenna ftit,
Gibu mkass....nixtieq bezbuza
Nehhi it-tomna, gib sur Bias

..........................................................................

Ih!— xi gmiel— Bagoll fartas!!!

# GIANNI IR-RABTI

---

Gianni r-Rabti nhar l'istrina
Mar il-Belt mixhut fuk hmar;
B'dauc in-nies baka mistagheb,
Billi f'ghomru qatt ma mar
Chien ghaddej mit-triek Riala
U lemhuh x'erba msautin,
Collhom bsaten sdieri bojjod,
U ghenuk ghaljin ghaljin.
Bard kalulu ibghtu Londra,
Dak ii hmar b'erba sakain
Ma haunx bhalu isma min'na,
Af jisbokhom lill ohrain
Cos tasseu keghduli tgheduli,
Ara minncom hait m'hu bhalu
Intom tnein cull uiehed ghandcom
— Harra hmar, ha 'l shabec jaghlu!

# Xqalli li gralu, Gori Balalu

(Grajja li jistghu jigru)

Ix-xitua l'ohra seu f-nofs Jannar
Chien bard ikaxxar; jen hrigt mid-dar
Ilhakt gio rahal— i nġbart f-hanut,
Ghedt Issa x'niehu? — bil bard se'mmut

"Tehux sajjetta! int haun x'hallsit?
Mn' idejja tghaddi xein tahseb Gheit
U habta u sabta minn uara 'l btieti
Ittaulet mara donnha uicc hmieti.

"Ih hsibtec zeugi dac il mishut:
Dal uakt checceitu minn giol hanut.
Fein taf katilni jischer cull jum
Igheiduli aghdru u chemm indum

Collox gharrakli imma tibzax
Habba ' ohra minni sgur ma jarax
"Ara tiddejjak xbint terhilux
Cull meta jischer geuua id-dahlux

Tini ftit gnibru collox jisseuua
Marret gebitli flixkun minn geuua
Neuulitli tazza ferrghet bla bniena
'Haunecc x'ghailtli Puh Grezz x'intiena

"Dana petroliu ha xommu xbint
Rait hux? stait ktiltni Grezz illum int
Tarax x'ghamilli hadli l flixcun
Issa jecc noktlu ghandix ragiun?

Taghli xein ohti gib ftit zanbur
Fittex ehlisni isa ha mmur.

# Zball fi zmien l'influenza

Ix-xitua l'ohra ghal dhul Jannar
Chcma xi hamsa mixhuta d-dar
Missieri in-nanna ommi cullhadd
L'isptir shih chelna ma nisa katt.
Colla b'ta Uenza — ma tmissnix.
Izda fallieli ghax darba ngbard
Nċechec snieni tatni tant bard
Mischina in-nanna chemm daret bia
Ghax chienet thobbni tibza ghalia.
Gandenziu kalti hu daks xein zejt,
Biex inghaddilec u jen tant bcheit:
Le Nann, ghedilha sgur nebux.
Ghax hazin hafna dac ma nhobbu
U biex thajjarni sgur ghandha tcun,
In-nanna kabdet malair flixkun
Ar' ibni kaltli chif mhux hazin
Xorbot ukia zejt — xuahda din
Dan xejn ma serva ma hajritnix
Iz-zejt jahasra ma hajritnix
L'ankas naf jena chemm giugarelli
Ueghditni n-nanna ma dauc li chelli.
Biex niehu l'porga u nkun hafif,
Ghax l'infiurenxa trid in-nadif.
Sa fl'ahhar kaltli li icun ahjar
Biex immur mahha ghand l'ispizziar.
Jena obdeita u mahha tlakt
Izda isma x'giara l'ahua chemm dhakt.

Mela chif dhalna ghand l'ispizziar,
Ragel xih ghakka xuxtu tajjar,
Chif int Sinjura Gheidli xi trid?
Dan kal l'in-nanna ghanda mitt gid.
Ftit zejn bla toghma ridt chiecu jien
Ma nafx xi thaltu mighu daz-zmien
Fimtec capisco Sinjur Nin,
Frattant ha jxrob ftit rosolin
In nana xorot ma kalet xejn
U damet tpaċpaċ hemm xi saghtein
Sur Spizzjaa sejra mel' inti insejt
Li trid tlesti porga bla ma ndunait?
Mur kallox seuua Sinjur rait
Cif xrob't porqa bla ma ndunait
Dac zejt li taitec hux chemm hu bnin
X'toma ihallilec ta rosolin
Mischina n'nanna berqet ghaineiha
U bdiet tant tajjat u tolli ideiha.
X'gnamiltli kaltu Santa Maria
Iz-zejt li tlaptek ma kienx ghalija
Ritu ghat tifel jena xropt zejt
Ukitein grassi kabel ma geit
Issa maghmula kal l'ispizziar
Ghax ma ghedtx kabel li ma contx hmar
Jena profeta kighed gio fic
Int żejt bla toma ghetli ħatic.
Fein katt se'r nopsor illi inti trid
Iz-zejt ghat-tifel dan m'ux marid.

Feraghetli tazza—jen tfaitha geuua,
Xrobt xi tnein ohra—ingheid is-seuua
Kabbadt sigarru—F'hajjetec xbint
Chif mela sejjer?—Flus xtaitni int?
Chif, mela l'ilma daz-zmien bil hlas
Seuua hsibt jena l'inti bla ras.
Ma reditx temmen—Grezz fid-daghdigha
Hasbet li jena qed nidhaq biha.
Tridx iar hux minnu—xomm il flixcun,
Iva xbin qalti ghandec ragun,
Jen hbadt nitfantas, ghedt hux hecc giet
Ha'mmur il barra—mela bis-schiet.
Hecc chif qbadt hiereg —kuddiem il bieb
Nilmah migimgha—ta tfal u clieb
It-tfal ighaitu—hraktha sinjur
L'anqas thallasha trid taz-zanbur.
Isthi ja sponza—trid tixrob b'xein
Mur biegh it tomna tixrobx bid-dein
Jena jahasra—b'dic il misthia
Xtekt li l'art tiftah, daghbien ghalia
Bil kalb it-tajba, fost is-suttar
Irrabiat f'demmi, ingbart id-dar
Issa katt izjed, sa chemm immut,
Ma nirfes actar fl'ebda hanut.
U Gori qalli int Int aghmel bhali
Nghamillec tajjeb li qatt ma taghli.

. . . .